**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN Citta` Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | |
|---|---|
| **Laqgħa Nru. 02/20** | |
| **Data:** | It-Tlieta, 11 ta' Frar 2020 |
| **Ħin:** | 6:45pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier<br>Roderick Caruana - Kunsillier (Skużat)<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **02.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **02.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **02.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **02.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **02.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **02.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **02.07** | **Vjal 25 ta' Novembru u xogħolijiet oħra** |
| **02.08** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **02.09** | **Mozzjonijiet; u** |
| **02.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**02. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li Abela ma tistax tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. 1. 2 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li Caruana Roderick ma jistax jattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' mard. | Segretarju Eżekuttiv |

**02. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 01/20 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 02. 2. 1 | 01.02.02 | Fenech: Problema bil-ħmieġ tal-ħamiem | Tiżdied li Fenech qed tagħti s-sehem tagħha sabiex naċċertaw li dawn ma jiġux maħqura. | Fenech |
| 02. 2. 2 | 01.02.01 | Viċi-Sindku: Proġett f'Misraħ Karlu Diacono | Il-Viċi-Sindku staqsiet peress li din ħarġet fuq il-midja u dehret li l-proġett huwa finalizzat sabiex jingħata bidu u jsir. | Viċi-Sindku |
| 02. 2. 3 | 01.02.12 | Viċi-Sindku: Tan-Nanna Ħelu Manna | Tiżdied li it-tfal tal-Kids Club flimkien mal-anzjani taż-Żejtun Home. | Viċi-Sindku |
| 02. 2. 4 | 01.02.21 | Viċi-Sindku: Pantomima | Il-Viċi-Sindku qalet li kienet suċċess u ġew ippreżentati mill-Kunsill €155. Il-Grupp teatrali Kids Club flimkien mal-iskola ibenefikaw minn €1650biex ġew irranġati l-purtiera u d-dawl tal-palk. | Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 2. | 5 | 01.05.10 | Chircop: Wesgħat Anġlu Zahra | Tiżdied li l-ġnejna fi Triq Ġużeppi Caruana ser tissemma Wegħat il-Ġemellaġi. | Chircop |
| 02. | 2. | 6 | 01.08.01 | Viċi-Sindku: Tenders | Tiżdied li t-tender kien id-Dawl tal-Milied fit-toroq | Viċi-Sindku |
| 02. | 2. | 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |
| **02.** | **2.** | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 02. | 2 | 1 | 01.02.01 | Sindku: Proġett f'Misraħ Karlu Diacono | Is-Sindku qalet li saret il-laqgħa u ġie maqbul id-disinn. | Sindku |
| 02. | 2 | 2 | 01.02.02 | Fenech: Problema bil-ħmieġ tal-ħamiem | Fenech qalet li din il-laqgħa għada ma saritx u ser tinstab data oħra. | Fenech / Baldacchino |
| 02. | 2 | 3 | 01.02.03 | Chircop: (E.D.E.N. Award) | Chircop qal li dan ser jingħata fil-5 ta' Mejju. Ser jingħata *dozzier* b'informazzjoni. L-EU ser tagħmel ukoll dokumentarju dwar iż-Żejtun. | Chircop |
| 02. | 2 | 4 | 01.02.04 | Fenech: *Pitch* tal-Football | Fenech qalet li l-ftuħ uffiċjali ser isir fit-22 ta' Marzu flimkien mal-M.F.A., Il-Kunsill Lokali kif ukoll iż-Żejtun Cotinthians F.C. | Fenech |
| 02. | 2 | 5 | 01.02.05 | Fenech: Mixja tal-President | Fenech qalet li kien hemm 150 applikazzjoni li l-fondi kollha minnhom marru b'risq il-M.C.C.F. Ser tiġbed l-attenzjoni tal-organizzaturi peress li kien hemm problmea għal min uża t-traspot pubbliku. | Fenech |
| 02. | 2 | 6 | 01.02.06 | Caruana Raymond: Vandaliżmu fi Ġnien iż-Żgħożija | Caruana informa lill-Kunsill li hemm bżonn urġenti sabiex jinqagħtu s-siġar u jinbidlu r-rifletturi tad-dawl peress li hemm ħafna dlam. | Caruana Raymond |
| 02. | 2 | 7 | 01.02.07 | Caruana Raymond: Tappieri fi Triq Alfred cachia Zammit | Caruana reġa staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Ser inkunu qed niċċekjaw mal-Korporazzjoni għs-Servizzi tal-Ilma. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. | 2 | 8 | 01.03.01 | Fenech: *Dog Park* | Is-Sindku qalet li GreenPak ser jisponsorjaw €1500 għall-apparat wara li €1500 ser jiġu minn Awards li l-Kunsill ħa waqt iċ-ċerimonja ta' GreenPak LC Awards 2019. Fenech infurmat lill-Kunsill li l-apparat wasal u bħalissa qed niġbru kwotazzjonijiet għal-fence sabiex jidawwar bih dan il-park. | Fenech |
| 02. | 2 | 9 | 01.03.05 | Sindku: *Sleeping Police* fi Triq Santa Katarina | Is-Sindku qalet li r-resident reġa staqsa meta din ser titneħħa. Qalet li tlabna l-TM sabiex issir tip ta' roundabout żgħira b'bollard, pero din ma ġitx milqugħa. Ser naraw jistax isir ċirku aħmar u titneħħa s-*sleeping police* . | Sindku |
| 02. | 2 | 10 | 01.03.06 | Sindku: *Earth Hour* | Is-Sinku staqsiet fejn ser jintefa. Kien hemm qbil li jintefa d-dawl li jagħti għal fuq il-knisja. | Caruana Raymond |
| 02. | 2 | 11 | 01.05.01 | Viċi-Sindku: Skart fi Blokka Qasam ta' Ganza | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar din il-problema. Is-Sindku qalet li intbagħtet ittra lir-residenti kollha tal-blokka kif ukoll ser isir kumitat tal-komun. Dan ġie mnaddaf mir-residenti stess billi nġab skip. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 2 | 12 | 01.05.08 | Chircop: Wirja waqt l-Inawgurazzjoni tal-ktieb dwar in-niċeċ | Chircop qal li l-wirja ittellgħat. Irringrazzja lill-Onorevoli Minsitru Owen Bonnici li attenda u għin sabiex jinħarġu l-fondi, kif ukoll lil-Wirt iż-Żejtun li ħadu ħsieb li jiġi ppublikat. | Chircop |
| 02. | 2 | 13 | 01.05.11 | Chircop: *Sub domain* ġdid | Chircop qal li dan ser ikun zejtun2020.com u ser ikun mniehdi fl-aħħar ta' Frar. | Chircop |
| 02. | 2 | 14 | 01.05.13 | Sindku: Siġar | Is-Sindku qalet li saret laqgħa mal-Paradiso Gardening u fi Triq Ħaż Żabbar hemm wisa' għal madwar 300 siġra. Ser issir talba lil Infrastructure Malta sabiex iħallsu wkoll għall-konok ta' għal dawn is-siġar. | Sindku |
| 02. | 2 | 15 | 01.06.03 | Fenech: Prġett KA205 | Fenech qalet li applikajna għalih u fost oħrajn ser ikun hemm youth exchanges u training courses. | Fenech |
| 02. | 2 | 16 | 01.06.04 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li l-applikazzjonijiet jagħlqu fit-2 ta' Marzu 2020. | Chircop |
| 02. | 2 | 17 | 01.06.06 | Chircop: Ktieb dwar Dun Anġ | Chircop informa l-Kunsill li dan ser jiġi mniehdi fit-18 ta' April fis-Sala tal-Kunsill. | Chircop |

**02 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML02/20. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 | 3 | 1 | | Sindku: Toroq ġodda | Is-Sindku qalet li ġew ippreżentati t-3 batch ta' toroq li nixtiequ li tagħmel *Infrastructure Malta* Li tinkludi diversi toroq fl-akkwati ta' Ganza. | Sindku |
| 02 | 3 | 2 | | Sindku: toroq | Is-Sindku qalet li *Infrastructure Malta* ser jibdew Triq il-Faqqus u Triq id-Dwiemes. | Sindku |

**02. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 4 | 1 | | | Dawn ġew diskussa fl-items l-oħra tal-aġenda. | |

**02. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 5 | 1 | | Fenech: *Bus Shelters* | Fenech ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn sabiex tingħata ħasla lill-bus shelters kollha peress li nġema ħafna ħmieġ. | Fenech |
| 2 | 5 | 2 | | Caruana Raymond: *Telephone Box* | Caruana qal li hemm bżonn titneħħa b'mod immedjat peress li din tinsab mitluqa. Din tinsab f'Misraħ il-Bjar. | Caruana Raymond |
| 2 | 5 | 3 | | Baldacchino: Siġra perikoluża | Baldacchino informa l-Kunsill li hemm siġra mqabbda mal-wires fi Triq Santa Marija. | Baldacchino |
| 2 | 5 | 4 | | Chircop: Linji tal-parking | Chircop qal li hemm bżonn isiru l-linji tal-parkepġġi fi Triq l-Iskola. | Sindku |
| 2 | 5 | 5 | | Camilleri: Misraħ Anton Vassalli | Camilleri qalet li hemm bżonn isir iż-żbir tas-siġar u kinsa f'dan il-misraħ. | Sindku |

**02. 6. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 6. | 1 | | Viċi-Sindku: Attivita' tal-Karnival | Il-Viċi-Sindku qalet li l-party tal-Karnival tal-Kids Club ser isir fit-22 ta' Frar. | Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02. | 6. | 2 | | Fenech: Attivita' - għoti tal-organi. | Fenech qalet li din ser isir fid-29 ta' Frar fejn ser issir attivita' sabiex nippromovu l-għoti tal-organi. | Fenech |
| 02. | 6. | 3 | | Chircop: Seminar | Chircop qal li ser isir seminar fis-16 ta' Frar dwar San Ġużepp u Chircop ser jagħti informazzjoni dwar niċeċ iddedikati lil istess qaddis. | Chircop |
| 02. | 6. | 4 | | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li din ser issir fid-19 ta' Marzu u ser tinġien Miriam Christine Borg bħala kantanta. | Chircop |
| 02. | 6. | 5 | | Chircop: Applikazzjoni tal-Kunsill u printing tal-ktieb | Chircop qal li permezz ta' fondi mill-Gal Xlokk ser issir *APP* kif ukoll ser jerġa jiġi ipprintjat l-ktieb Triqat iż-Żejtun. | Chircop |
| 02. | 6. | 6 | | Chircop: *Workshops* ta' Għana | Chircop qal li ser jiġu organizzati *workshops* ta' għana. | Chircop |
| 02. | 6. | 7 | | Chircop: Applikazzjoni ta' żvilupp - Villa Curmi | Chircop qal li attenda għal laqgħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-iżvilupp propost fil-ġnien ta' Villa Curmi. F'isem il-Kunsill oġezzjona u kien hemm vot favur biex din l-estensjoni ma ssirx. | Chircop |
| 02. | 6. | 8 | | Camilleri: *Life Long Learning* | Camilleri qalet li għal sena oħra ser nerġgħu napplikaw sabiex isiru dawn il-korsijiet fil-bini ta' *Paolo Freire Institute.* Ser ikun hemm suġġetti ġodda bħal ganutell, Avvanz fil-Malti u l-Ingliż. | Camilleri |
| **02.** | **7.** | | | ***Vjal 25 ta' Novembru u xogħolijiet oħra*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 02 | 7 | 1 | | Sindku: Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li bħalissa x-xogħol fuq din it-triq huwa wieqaf minħabba l-ispejjes enormi li żdiedu sabiex isir ir-rimi li ser jinqala. *Infrastructure Malta* qalu li mhumiex lesti jħallsu prezzijiet għola mill-*framework* u għalhekk ser tkun impossibli li dan iħallas għalih il-Kunsill. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi l-kunsill ser jinforma lill-*Infrastructure Malta* sabiex ix-xogħol fuq din it-triq isir minnhom. | Sindku |
| **02.** | **8.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 02. | 8. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/20 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. | 8. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 02/20 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 02. | 8. | 3 | | *Petty Cash* - Jannar 2020 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Jannar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €138.94 | Segretarju Eżekuttiv |
| **02** | **9** | | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 02. | 9 | 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa waqt din il-laqgħa. | |
| **02** | **10** | | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 3 ta' Marzu fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |